# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Jannar 2025**

**Kawza Numru: 3**
**Rikors Guramentat numru:- 628/2016 JVC**

**Paul Zammit [K.I. nru. 714457M)]**

**vs**

**Joan**

**u**

**Emanuel konjugi Camilleri [K.I. nru. 508856(M) u 0127455(M) rispettivament)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrent talab kif isegwi:

'<u>DIKJARAZZJONI TAL-FATTI U RAGUNI TAT-TALBA</u>

1. Illi l-attur u l-konvenuta Joan Camilleri, huma ahwa u huma l-unici ulied tad-defunti Evaristo u Agnese konjugi Zammit, li gew nieqsa fl-24 ta' Dicembru, 2012 u fil-31 t'Awissu, 2001 rispettivament, hekk kif jirrizulta mill-annessi certifikati tal-mewt [**Dok. PZ1** u **Dok. PZ2** hawn annessi];

2. Illi l-konvenut Emanuel Camilleri huwa r-ragel tal-konvenuta Joan Camilleri;

3. Illi hekk kif jirrizulta minn ricerka testamentarja kondotta fir-Registru Pubbliku ta' Malta u kif ukoll fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) (kopja annessa u mmarkata **Dok. PZ3**) is-successjoni tad-defunt Evaristo Zammit, ossia missier l-attur u l-konvenuta Joan Camilleri, hija regolata mit-testment tieghu datat it-tmienja u ghoxrin (28) t'April tas-sena elfejn u hdax (2011) in atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar (kopja annessa u mmarkata **Dok. PZ4**) f'liema testment Evaristo Zammit istitwixxa lill-konvenuti bhala l-unici eredi universali tieghu filwaqt illi halla lill-attur s-sehem rizervat lilu spettanti skont il-ligi;

4. Illi hekk kif jirrizulta minn ricerka testamentarja kondotta fir-Registru Pubbliku ta' Malta u kif ukoll fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) (kopja annessa u mmarkata **Dok. PZ5**)

is-successjoni tad-defunta Agnese Zammit, ossia omm l-attur u l-konvenuta Joan Camilleri, hija regolata mit-testment *unica charta* datat it-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001) in atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar (kopja annessa u mmarkata **Dok. PZ6**) f'liema testment it-testaturi kkoncedew numru ta' pre-legati lil entrambi uliedhom, ossia lill-attur Paul Zammit u lill-konvenuta Joan Camilleri u innominaw lill-istess uliedhom eredi universali u padruni assoluti tal-kumplament ta' gidhom fi kwoti ugwali bejniethom;

**5.** Illi hekk kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, id-defunt Evaristo Zammit kien ikkonceda b'titolu ta' donazzjoni lill-konvenuti, numru ta' beni immobbli. Illi skond il-ligi, tali donazzjonijiet u kif ukoll kwalsiasi flejjes illi d-defunt Evaristo Zammit seta' ta lill-konvenuti matul hajtu u kif ukoll lil terzi, ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni u komprizi fil-massa ereditarja biex jigi komputat u likwidat is-sehem rizervat spettanti lill-attur.

**6.** Illi l-konvenuti gew debitament interpellati permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 865/2014 (**Dok. PZ7**) sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem rizervat dovut lill-attur ghall-eredita tal-missier;

**7.** Illi l-konvenuti rrispondew ghall-ittra ufficjali surreferita tramite ittra legali (kopja annessa u mmarkata **Dok. PZ8**) f'liema ittra legali huma nfurmaw lill-attur illi huma disposti jhallsuh is-somma ta' hamsin elf, sitt mija sitta u sittin Ewro (€50,666) illi skont huma tirrapprezenta s-sehem rizervat dovut lill-attur. Illi hekk kif ser jigu pruvat matul il-proceduri odjerni, is-somma indikata mill-konvenuti bhalha rapprezentanti s-sehem rizervat dovut lill-attur mill-eredita tal-missier, hija ferm inqas mis-somma illi rejalment tispetta lill-attur;

8. Illi ghaldaqstant l-attur ma kellu l-ebda triq ohra ghajr li jintavola l-proceduri odjerni.

## Talbiet

**Ghaldaqstant**, jghidu l-konvenuti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti –

**I.** Fl-ewwel lok, tistabilixxi u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti già ezistenti bejn Evaristo u Agnese konjugi Zammit billi tigi dikjarata konsistenti fil-beni u sustanzi illi jirrizultaw tul il-kors tal-kawza, u kif ukoll tistabilixxi u tillikwida il-beni parafernali ta' Evaristo Zammit u Agnese Zammit, okkorrendo anke bl-assistenza ta' periti nominandi;

**II.** Fit-tieni lok, taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk formata u likwidata f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-assi partikolari ta' Evaristo Zammit u l-ohra lill-assi partikolari ta' Agnese Zammit;

**III.** Fit-tielet lok, tifforma u tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmi Evaristo Zammit billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-akkwisti illi saru matul iz-zwieg tieghu ma' Agnese Zammit u f'dawk il-beni parafernali tieghu u sustanzi kollha li jirrizultaw tul il-kors tal-kawza;

**IV.** Fir-raba' lok, tillikwida favur l-attur is-sehem rizervat li jmissu skont il-ligi mill-eredità ta' missieru Evaristo Zammit anke billi jigu komprizi fl-istess assijiet, il-beni li d-defunt Evaristo

Zammit ta b'donazzjoni matul hajtu u dak kollu li jidhol fil-formazzjoni tal-imsemmija eredità skond il-ligi;

**V.** Fil-hames lok, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dak kollu li jmissu bhala s-sehem rizervat mill-eredita ta' missieru Evaristo Zammit;

**Bl-ispejjez** kontra l-konvenuti, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 865/2014 u bl-imghax fuq is-sehem rizervat spettanti lill-attur, dekorribbli mid-data tal-ftuh tas-successjoni tad-defunt Evaristo Zammit u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri li tikkompeti lill-attur, jew l-aventi kawza minnu, kontra l-konvenuti, jew l-aventi kawza taghhom, illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati Joan u Emanuel konjugi Camilleri li taqra kif isegwi:

'L-eccezzjonijiet

Fir-rigward ta' **Joan Camilleri**

1. Illi fl-ewwel lok l-irritwalita tar-raba' talba fis-sens li ma tistax tintalab ir-riversjoni ta' donazzjonijiet mhux specifikati u biex dik it-talba tkun valida u ritwali kien mehtieg li jigi specifikat liema donazzjonijiet l-attur qieghed jippretendi li ghandhom jigi riversati;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess hija ma topponix ghal-likwidazzjoni tal-legittima pretiza mill-attur mill-wirt ta' missierhom Evaristo Zammit;

3. Illi fit-tielet lok hi topponi ruhha ghat-talba ghall-hlas ta' imghax ghaliex il-konvenuta kienet dejjem lesta li ssir likwidazzjoni koretta tal-legittima spettanti lill-attur, u ghalhekk imghax ma hux dovut fic-cirkostanzi odjerni;

4. Illi fir-raba' lok hi topponi ghall-ispejjez ta' din il-kawza;

5. Illi fir-rigward ta' **Emanuel Camilleri** dan ma ghandux interess fit-talbiet proposti u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju bl-ispejjez kontra l-atturi.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Dwar il-fatti

Illi dwar il-fatti dikjarati mill-attur il-konvenuta Joan Camilleri ghandha dan xi tghid:

1. Il-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur mhux kontestati u huma ammessi;

2. Il-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur mhux kontestati u huma ammessi;

3. Il-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur mhux kontestati;

4. Il-fatti kif dikjarati fir-raba paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur mhux kontestati;

5. Il-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur trid issir il-prova specifika taghhom ghaliex l-

allegazzjoni hija generika u trid tigi sostanzjata b'riferenza precisa ghal dawk id-donazzjonijiet li qieghed jigi pretiz li jingiebu lura;

6. Il-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur mhux kontestati;

7. Il-fatti kif dikjarati fis-seba paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur huma parzjalment kontestati u cioe mhux kontestati u cioe mhux kontestat li saret l-ittra ufficjali imma huwa kontestat li l-ammont offert ma kienx sufficjenti billi l-esponent tissottometti li l-ammont minnha offert kien sufficjenti ghal-legittima;

Ghalhekk fil-waqt li hija ma topponiex ghal-likwidazzjoni tal-eredita tal-genituri taghha kif mitluba u ma topponiex ruha ghal-likwidazzjoni tal-legittima mitluba topponi ruha ghar-raba' talba fis-sens li ma tistax tintalab ir-riversjoni ta' donazzjonijiet mhux specifikati u biex dik it-talba tkun valida u ritwali kien mehtieg li jigi specifikat liema donazzjonijiet l-attur qieghed jippretendi li ghandhom jigu riversati.

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-attur.'

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, certifikat ta' zwieg, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, testmenti, ittra ufficjali, ittra legali, statements bankarji, kuntratti, ftehim, pjanti, ricevuti, cedola ta' depositu, skrittura ta' kera, ricerki pubblici, rapporti *ex-parte*, dikjarazzjonijiet *causa mortis*, kopja ta' konvenju, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tar-rikorrent Paul Zammit intavolat nhar id-29 ta' Jannar, 2018 a fol. 584 et seq tal-process fejn permezz tieghu talab li l-Qorti (a) tipprefiggi terminu lill-konvenuti li fih ghandhom jiddikjaraw jekk humiex qed jaqblu mal-lista tal-proprjetajiet immobbli prezentata mir-rikorrenti fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2016 u fin-nuqqas jindikaw ir-ragunijiet ghalfejn mhux jaqblu, u (b) f'kaz ta' qbil tghaddi ghan-nomina ta' Perit Tekniku sabiex jaghmel valutazzjoni tal-istess proprjetajiet immobbli fis-sena 2012 u fis-sena kurrenti, rat ir-risposta tal-intimati Joan u Emanuel konjugi Camilleri ntavolata nhar l-14 ta' Frar 2018 u rat id-digriet tal-Qorti moghti fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018 li wara li semghet id-difensuri tal-partijiet innominat lil Perit Mario Cassar biex jaghmel stima tal-proprjetajiet fil-mument tal-mewt tat-testatur a spejjez provvizorjament tal-werrieta cioe' l-intimati, kif ukoll stima ohra aggornata tal-immobbli li jappartjenu lil wirt u dan a spejjez provvizorjament tar-rikorrenti;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar prezentat fl-atti nhar it-2 ta' April 2019 u mahluf nhar l-20 ta' Gunju, 2019 u li jinsab esebit fl-atti a fol. 648 et seq tal-process;

Rat l-eskussjoni tal-Perit Tekniku Mario Cassar waqt is-seduta tat-13 ta' Frar, 2020 a fol. 731 et seq tal-process, rat id-domandi in eskussjoni tal-intimati lill-Perit Tekniku Cassar a fol. 737 et seq tal-process u d-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti lill-Perit Cassar a fol. 740 et seq tal-process u rat ir-risposti ghad-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti fl-atti a fol. 750 et seq tal-process u rat l-eskussjoni ulterjuri li saret fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2021 a fol. 769 et seq tal-process u eskussjoni ulterjuri in segwitu ghar-rapport addizzjonali fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2021 a fol. 814 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Frar, 2021 (fol. 767) l-inkarigu tal-Perit Tekniku Mario Cassar gie estiz wara li fuq talba tar-rikorrenti ntalab li l-Perit jirrelata dwar il-valur tal-proprjeta' indikata fir-rapport stima numru 8 fis-sens illi l-proprjeta' ghandha tigi valutata tenut kont tal-binja li tinsab fuqha, kif ukoll sabiex issir stima tal-valur tal-proprjeta' bin-numru 9 bil-benefikati fuqha u cioe' serer;

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Mario Cassar ntavolat nhar it-13 ta' Mejju, 2021 u mahluf nhar il-15 ta' Lulju, 2021 a fol. 816 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Jannar, 2024 il-partijiet qablu li l-kawza odjerna qed titlob biss il-likwidazzjoni tal-porzjoni riservata dovuta lir-rikorrenti Paul Zammit fuq l-eredita' tal-missier Evaristo Zammit;

Rat illi fil-verbal datat 17 ta' Jannar, 2024 il-kawza giet differita 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna titratta t-talba ghall-likwidazzjoni u l-hlas tas-sehem riservat dovut lir-rikorrent Paul Zammit fuq il-beni mobbli u mmobbli tal-mejjet missieru Evaristo Zammit.

Illi l-fatti tal-kaz odjern huma kif isegwi:

1. Illi r-rikorrent Paul Zammit u l-intimata Joan Camilleri huma ahwa wlied il-mejtin Evaristo u Agnese konjugi Zammit li gew nieqsa fl-24 ta' Dicembru, 2012 u fil-31 ta' Awwissu, 2001 rispettivament (ara certifikati tal-mewt a fol. 7 u 8 tal-process).

   Illi Agnese Zammit irregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' testment *unica charta* ma' zewgha Evaristo Zammit datat 13 ta' Frar, 2001 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar (ara testment a fol. 19 et seq tal-process) fejn fost disposizzjonijiet ohra konsistenti f'legat u diversi prelegati, nnominaw u istitwew liz-zewg uliedhom eredi universali u padruni assoluti tal-kumplament ta' gidhom kollu ghal wara mewthom fi kwoti ugwali bejniethom (ara ricerki testamentarji u testment a fol. 17 et seq u a fol. 19 et seq tal-process).

   Illi Evaristo Zammit irregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment datat 28 ta' April, 2011 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar (ara ricerki testamentarji u testment a fol. 9 et seq u a fol. 12 et seq tal-process) fejn halla bhala werrieta universali tieghu tal-gid li ghandu u li jista jkollu sal-gurnata ta' mewtu lil bintu l-intimata Joan Camilleri u lil zewgha l-intimat Emanuel Camilleri f'sehem indaqs u ugwali bejniethom. In oltre fit-tielet artikolu halla lill-ibnu r-rikorrenti Paul Zammit is-sehem riservat spettanti lilu skond il-ligi. Dan l-artikolu jaqra kif isegwi:

   > 'It-Tielet Artikolu:-
   >
   > It-testatur qed ihalli lil ibnu l-iehor Paul Zammit is-sehem riservat spettanti lilu skond il-ligi.'.

2. Illi bejn il-partijiet ghaddew komunikazzjonijiet fejn il-konvenuti konjugi Camilleri gew interpellati mir-rikorrenti Paul Zammit permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 865/2014 sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas tas-sehem riservat bl-imghaxijiet dekorribbli fuq l-istess (ara ittra ufficjali a fol. 25 et seq tal-process). L-intimati konjugi Camilleri rrispondew tramite ittra legali fejn huma nfurmaw lir-rikorrenti Paul Zammit li m'ghandhom l-ebda' diffikulta' li tigi likwidata l-legittima. Infurmawh ukoll li huma kkalkulaw li din ic-cifra ghandha tkun tal-valur ta' €50,666 u jekk jaqbel kienu lesti li jaddivjenu ghall-kuntratt mehtieg biex isir il-pagament (ara ittra legali a fol. 27 tal-process). Madanakollu bejn il-partijiet ma ntlahaqx ftehim.

3. Illi ghalhekk ir-rikorrent ipproceda bil-kawza odjerna li giet intavolata nhar is-27 ta' Lulju, 2016 fejn permezz taghha fl-ewwel lok talab li jigi stabbilit u likwidat il-komunjoni tal-akwisti gja ezistenti bejn Evaristo u Agnese konjugi Zammit billi tigi dikjarata konsistenti fil-beni u sustanzi li jirrizultaw tul il-kors tal-kawza u kif ukoll jigi stabbilit u likwidat il-beni parafernali ta' Evaristo Zammit u Agnese Zammit, okkorrendo anke bl-assistenza ta' periti nominandi. Fit-tieni lok ir-rikorrenti talab ukoll li tigi maqsuma l-komunjoni tal-akkwisti hekk formata u likwidata f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-assi partikolari ta' Evaristo Zammit u l-ohra lill-assi partikolari ta' Agnese Zammit. Fit-tielet lok talab li jigu identifikati u jigu likwidati l-assi partikolari ta' l-imsemmi Evaristo Zammit billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-akkwisti li saru matul iz-zwieg tieghu ma' Agnese Zammit u f'dawk il-beni parafernali tieghu u sustanzi kollha li jirrizultaw tul il-kors tal-kawza. Fir-raba' lok ir-rikorrenti talab li jigi likwidat favur tieghu s-sehem rizervat li jmissu skont il-ligi mill-eredità ta' missieru Evaristo Zammit anke billi jigu komprizi fl-istess assijiet, il-beni li d-defunt

Evaristo Zammit ta b'donazzjoni matul hajtu u dak kollu li jidhol fil-formazzjoni tal-imsemmija eredità skond il-ligi. Finalment fil-hames lok talab li l-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsuh dak kollu li jmissu bhala s-sehem rizervat mill-eredita' ta' missieru Evaristo Zammit.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-intimati konjugi Camilleri:</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni, l-intimati konjugi Camilleri eccepew l-irritwalita' tar-raba' talba fis-sens li ma tistax tintalab ir-riversjoni ta' donazzjonijiet mhux specifikati u biex dik it-talba tkun valida u ritwali kien mehtieg li jigi specifikat liema donazzjonijiet ir-rikorrenti qieghed jippretendi li ghandhom jigu riversati.

Illi r-raba' talba tar-rikorrenti taqra kif isegwi:

> **VI.** 'Fir-raba' lok, tillikwida favur l-attur is-sehem rizervat li jmissu skont il-ligi mill-eredità ta' missieru Evaristo Zammit anke billi jigu komprizi fl-istess assijiet, il-beni li d-defunt Evaristo Zammit ta b'donazzjoni matul hajtu u dak kollu li jidhol fil-formazzjoni tal-imsemmija eredità skond il-ligi;'.

Illi l-Qorti ma tqisx li hemm xi haga rritwali fir-raba' talba billi bhal mar-rikorrenti talab li jigi likwidat is-sehem riservat mill-eredita' ta' missieru Evaristo Zammit fuq in-nofs tal-akkwisti li saru matul iz-zwieg, u fuq dawk parafernali, huwa talab li jigi likwidat is-sehem riservat mill-eredita' ta' missieru Evaristo Zammit billi jigu komprizi wkoll dawk il-beni li nghataw b'donazzjoni. Fl-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma gew individwati fit-talbiet jew fil-premessi, l-assi jew il-beni, liema ndividwazzjoni dejjem u f'kull kaz issir waqt il-mori tal-kawza. Hija procedura normali li tul il-

kors tal-kawza jigu prezentati l-provi necessarji, nkluz ricerki pubblici u kuntratti sabiex jigu individwati dawk l-beni mobbli u mmobbli li ghandhom jigu nkluzi fil-komputazzjoni u l-likwidazzjoni tas-sehem riservat.

Illi l-Qorti ma tarax li l-fatt li ma gewx indikati specifikatament id-donazzjonijiet, ghandha twassal sabiex jigi dikjarat li din ir-raba' talba hija wahda rritwali. Piuttost tqis din l-eccezzjoni bhala wahda frivola u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni.

**Il-hames eccezzjoni tal-intimati konjugi Camilleri:**

Illi din l-eccezzjoni tirrigwarda specifikatament l-intimat Emanuel Camilleri billi gie eccepit illi huwa m'ghandux interess fit-talbiet proposti u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li s-sehem riservat huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat fil-konfront tal-eredita'.

Illi fil-kaz odjern l-eredita' tal-mejjet Evaristo Zammit hija regolata bit-testment tat-28 ta' April, 2011 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar (a fol. 12 et seq tal-process) fejn permezz tat-tieni artikolu huwa halla bhala unici eredi universali proprjetarji u padruni assoluti ta' gidu lill-bintu l-intimata Joan Camilleri u lil zewgha l-intimat Emanuel Camilleri. Dan l-artikolu jiddispona illi:

'It-Tieni Artikolu:-

It-testatur qed jinnomina u jistitwixxi bhala l-unici eredi universali proprjetarji u padruni assoluti tal-gid kollu li ghandu u li ghad jista' jkollu sal-gurnata ta' mewtu lil bintu Joan Camilleri u lil zewgha Emanuel Camilleri f'sehem indaqs u ugwali bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari favur ir-rispettivi uliedhom f'kaz biss ta' promorienza. Din in-nomina ta' eredi qed issir bil-kundizzjoni li l-istess eredi jibqghu jiehdu hsieb u kura tat-testatur ghal tul hajtu kollha kif l-istess testatur qed jiddikjara li dawn l-eredi diga qed jaghmlu bhalissa u ilhom jaghmlu mieghu.'

Illi gjaladarba s-sehem riservat huwa kreditu tal-valur fil-konfront tal-eredita', a kuntrarju ta' dak eccepit, l-intimat Emanuel Camilleri bhala wiehed mill-werrieta universali fuq l-istess eredita' tal-mejjet Evaristo Zammit ghandu interess fit-talbiet proposti. Ghalhekk l-intimati konjugi Camilleri m'ghandhomx ragun f'din l-eccezzjoni li Emanuel Camilleri ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**Komputazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Evaristo Zammit u likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat dovut lir-rikorrenti Paul Zammit:**

Illi kif inghad aktar il-quddiem Evaristo Zammit gie nieqes fl-24 ta' Dicembru, 2012 (fol. 7) u ghalhekk japplika ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 et seq tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwi:

'615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

'Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni....

(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.

**<u>Assi ereditarji tal-mejjet Evaristo Zammit:</u>**

Illi mill-atti jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji tal-mejjet Evaristo Zammit mad-data tal-mewt tieghu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>Proprjeta' mmobbli:</u>**

Illi dwar il-proprjeta' mmobbli bejn il-partijiet m'hemmx qbil fuq zewg kwistjonijiet u cioe':

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

(i) liema valur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni – jekk hux il-valur prezenti fis-suq, jew inkella l-valur fid-data tal-ftuh tas-successjoni, u

(ii) liema valur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni u cioe' jekk hux il-valur tal-Perit Tekniku Mario Cassar nominat mill-Qorti, jew inkella jekk hux il-valur tal-periti mressqa mill-partijiet *ex-parte*.

Illi dwar l-ewwel kwistjoni mqanqla mill-partijiet cioe' liema valur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, jekk hux il-valur fis-suq jew inkella l-valur fid-data tal-ftuh tas-successjoni tad-decujus din il-Qorti m'ghandiex dubju dwar liema valur ghandha japplika u dan aktar u aktar meta tinsab konfortata mid-decizjonijiet numeruzi tal-Qrati nostrani fejn fil-kaz ta' sehem riservat huwa l-valur fid-data tal-ftuh tas-successjoni li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Fil-kaz odjern huwa proprju fis-sena 2012 cioe' meta gie nieqes Evaristo Zammit.

Illi dwar it-tieni kwistjoni mqanqla mill-partijiet u cioe' liema valur ghandha tapplika l-Qorti, jekk hux il-valur tal-Perit Tekniku Cassar, jew inkella l-valur imressaq minnhom permezz ta' periti *ex-parte*, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet **Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et** fejn inghad illi:

> 'Il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu prova. Opinjoni li ghandha valur probatorju daqs kull prova ohra u li tibqa' tipprevali sakemm ma tigix kontrastata jew bi provi ohra li jikkontraducuwha jew altrimenti b'sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizzawha bhala wahda mhux attendibbli u kredibbli.

> … hu veru wkoll li l-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha (Artikolu 681 tal-Kap. 12). Dan pero` ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.'.

Illi fil-kaz odjern, fl-atti ma tresqitx prova li b'xi mod innewtralizzat bhala wahda mhux attendibbli u kredibbli l-opinjoni teknika tal-Perit nominat mill-Qorti Mario Cassar. Il-Qorti taghti certu ragun lill-intimati konjugi Camilleri meta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jghidu li kieku ressqu talba ghal periti perizjuri dan kien ifisser li l-ammont ta' hlas kien iwassal ghal kont ta' kwazi €100,000. Ovvjament dan huwa ammont kbir li jaqta qalb il-persuna jekk ghandiex titlob il-hatra ta' periti perizjuri jew le. Madanakollu xorta jibqa l-fatt li fl-atti ma tressqux li jxejnu l-valuri moghtija mill-Perit Tekniku Cassar. Mill-banda l-ohra, l-valuri mressqa mill-partijiet redatti mill-periti taghhom, jibqghu dejjem valuri mressqa *ex-parte* u m'hemm xejn fl-atti li jikkonvincu lil Qorti li dawn l-istimi huma aktar realistici minn dawk tal-Perit Tekniku Cassar. Ma jirrizultax li bejn il-partijiet kien hemm xi qbil li ghandu jintuza xi valur ta' perit *ex-parte* minnhom. Ghaldaqstant gialadarba m'hemm xejn li jpoggi fid-dubju r-rapport tal-Perit nominat mill-Qorti, din il-Qorti sejra tistrieh fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar bil-valuri tas-sena 2012.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi in aggunta ghal dawn il-kwistjonijiet imqanqla mill-partijiet, l-intimati konjugi Camilleri fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom

iressqu wkoll zewg punti ulterjuri li a bazi taghhom jinsistu li l-valur ghandu jkun inqas. Dawn il-punti huma:

(i) il-fatt li whud mill-proprjetajiet huma fi stat ndiviz u l-mejjet Evaristo Zammit kellu sehem zghir minnhom, u

(ii) ghandu jittiehed kont tal-valuri tad-dikjarazzjoni *causa mortis*.

Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma dawn iz-zewg punti. Dwar l-ewwel punt il-Qorti tqis li huwa minnu li l-mejjet Evaristo Zammit kellu sehem ta' kwint (1/5) indiviz pero' xorta jibqa l-fatt li s-sid dejjem u f'kull kas jista' jitlob il-valur li jrid irrispettivament mis-sehem minnu tenut. Dwar il-kwistjoni tal-valur tad-dikjarazzjoni *causa mortis*, huwa fatt maghruf li f'dikjarazzjonijiet simili l-valur xi ftit jew wisq ivarja minn dak reali. Infatti l-intimati nfushom jghidu li f'kuntratt partikolari li r-rikorrenti kien parti minnu l-valur ma kienx dak iddikjarat fil-*causa mortis*. Ghalhekk zgur li l-Qorti m'hijiex ser tistrieh fuq dak il-valur.

<u>Proprjeta' mmobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akwisti li minnha l-mejjet Evaristo Zammit ghandu l-kwota ta' nofs (1/2) indiviz:</u>

1. Id-dar bin-numru 13 bl-isem 'Monica House', inkluz il-garaxx fil-livell tat-triq numru 15 kontigwu ghall-istess dar, fi Triq l-Iskola, Hal Safi bil-bitha u l-gnejna retroposti, u bl-arja libera taghhom bil-valur fis-sena 2012 - €190,368.50;

2. Dik il-parti tad-dar bl-isem 'Evaristo House', bin-numru 5 fi Triq iz-Zurrieq, Safi bl-arja taghha li giet kostruwita fuq l-art fabrikabbli tal-kejl ta' 105.4 m.k. bil-valur fis-sena 2012 - €70,507;

3. Kwint (1/5) indiviz mill-plot numru 5 formanti parti mill-art 'Tal-Farrad' sive 'Tal-Mithna' f'Hal Safi tal-kejl dan il-plot ta' 295.75m.k. bil-valur fis-sena 2012 - €35,253.50;

4. Ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Hlantun', fil-limiti ta' Hal Safi tal-kejl ta' cirka 2,248m.k. bil-valur fis-sena 2012 - €23,681;

5. Kwint (1/5) indiviz tal-kwota ta' hamsa u sebghin minn erbgha u tmenin parti (75/84) indiviz tan-nofs (1/2) indiviz tal-ghalqa denominata 'Tal-Helu', fil-kontrada tal-Helu, f'Hal Safi liema ghalqa fiha kejl fl-intier taghha ta' cirka 12,364m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €10,043.30;

6. Ghalqa maghruf bhala 'Tal-Hlantun' fil-limiti ta' Hal Safi tal-kejl ta' cirka 1,498m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €14,800.50;

<u>Proprjeta' mmobbli parafernali li minnha l-mejjet Evaristo Zammit ghandu l-kwota ta' kwint (1/5) indiviz:</u>

7. Nofs (1/2) indiviz mill-ghalqa fil-limiti ta' Hal Safi kontrada 'Tal-Hlantun' mlaqqma tal-Hlantun, konsistenti f'zewg porzjonijiet kongunti imsejha 'Il-Habel l-Ahmar', u 'Tal-Helu' tal-kejl ta' cirka 12,365m.k. b'zewg kmamar fiha u bir;

8. Sebgha minn tnax (7/12) indiviz mill-ghalqa msejha 'Tal-Ghadir' fil-limiti ta' Hal Kirkop tal-kejl ta' cirka 23,604m.k.;

   Il-valur ta' din il-proprjeta' gie ndikat hazin mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

9. Ir-raba': Illi dwar l-ghalqa msejha 'Ta' Bnat', fil-limiti tal-Mqabba, tal-kejl ta' 15,700m.k ghandu jinghad illi l-valur ta' din il-proprjeta' gie ndikat hazin mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Illi l-intimati Camilleri fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jindikaw li din il-porzjon indikata fil-punt numru 9 mhijiex mizmuma fil-kwota ta' kwint (1/5) indiviz pero' fil-kwota ta' wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz. Wara li rat il-kuntratt ta' divizjoni bejn l-ahwa Zammit li parti minnu kien l-mejjet Evaristo Zammit li sar fl-1 ta' Gunju, 1983 a fol. 1011 et seq tal-process jirrizulta li din l-art effettivament inzammet f'komproprjeta' bejn l-imsemmija ahwa Zammit u l-kwota li kellu Evaristo Zammit kienet dik ta' kwinta (1/5) indiviz.

Inoltre l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet jghidu li l-valur ta' din il-proprjeta' m'ghandux jittiehed kont tieghu bis-serer billi dawn m'humiex marbuta permanentement mal-immobbli. Infatti fil-mori kien reggha gie nominat il-Perit Tekniku Cassar sabiex jaghmel stima addizzjonali ta' din ir-raba' bis-serer fiha. Il-Qorti taqbel mal-argument tal-intimati konjugi Camilleri u ghalhekk m'hijiex ser tiehu kont tal-valur inkluz bis-serer fuqha.

Illi dwar dawn it-tlett (3) porzjonijiet raba' ndikati fil-punti bin-numri 7 maghrufa bhala 'Tal-Helu', 8 maghrufa bhala 'Tal-Ghadir', u 9 maghrufa bhala 'Ta' Bnat', l-intimati konjugi Camilleri fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jinsistu li l-valur li ghandu jittiehed kont tieghu ghandu jkun wiehed mhux bhala 'liberi u franki' pero' bhala kif soggetti ghal qbiela. Jinsistu li l-valur moghti mill-Perit Tekniku Cassar kien 'liberi u franki' meta fir-realta' dawn il-porzjonijiet raba' ma kienux hekk.

Jressqu erbgha (4) punti l-ghaliex il-Qorti m'ghandiex toqghod fuq il-valur tal-Perit Tekniku hekk kif stabbilit pero' ghandha tistabbilixxi l-valur *arbitrio boni viri*.

Illi l-Qorti tqis li porzjon raba' kif suggetta ghal qbiela mhijiex ser iggib l-istess valur ta' porzjon raba' libera u franka. Huwa minnu li llum il-gurnata sidien ta' raba' soggetti ghal qbiela qeghdin jipprocedu bl-intavolar ta' kawzi kostituzzjonali u fejn anke qeghdin jinghataw kumpens. Madanakollu dan il-kumpens huwa fuq ksur tad-drittijiet fundamentali ghas-snin passati. Di piu' sidien jistghu anke jipprocedu b'kawza fejn l-ammont tal-kera jista' jizdied skont ir-regoli hemm stabbiliti fil-ligi, pero' xorta jibqa l-fatt li sabiex isir l-izgumbrament tal-bidwi hemm regoli stabbiliti fil-ligi li jridu jigu pruvati. Il-Qorti tqis li l-intimati ghandhom ragun jargumentaw li l-valur li ghandu jittiehed kont tieghu m'ghandux ikun dak 'liberu u frank' billi effettivament m'humiex hekk, pero' kif suggett ghal qbiela. Ghalhekk hija sejra sabiex tnaqqas dan il-valur stabbilit mill-Perit Tekniku Cassar fis-sena 2012 b'10% biex b'hekk l-valur tar-raba' li sejjer jittiehed kont tieghu huwa dak segwenti:

(i) Raba' maghrufa bhala 'Tal-Helu' - €20,247.30;

(ii) Raba' maghrufa bhala 'Tal-Ghadir'. B'referenza ghal din il-proprjeta' l-Perit Tekniku Cassar gie nominat mill-gdid sabiex jaghti valur taghha bil-binja li tinsab fiha billi precedentement il-valur ma kienx jinkludi l-binja. Il-valur inghata bir-relazzjoni addizzjonali li tinsab fl-atti a fol. 816 et seq tal-process fejn il-valur fis-sena 2012 gie stmat bhala dak ta' €124,201.93. Ghalhekk meta jsir it-tnaqqis indikat fil-paragrafu precedenti l-kalkolu ghas-sehem riservat ghandu jittiehed fuq l-valur segwenti - €111,781.74;

(iii) Raba' maghrufa bhala 'Ta' Bnat' - €43,691.40.

10. Il-gnejna annessa ma' razzett bla numru fi Triq il-Hlantun, Hal Safi tal-kejl ta' cirka 936 m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €155,115.20;

11. Id-dar bin-numru 16 fi Triq San Guzepp, Hal Safi bil-valur fis-sena 2012 ta' €26,087.60;

12. Ir-razzett bla numru, msejjah 'Tal-Micc' fil-limiti ta' Hal Safi li qieghed fi Triq Hlantun bil-valur fis-sena 2012 ta' €63,456.20;

13. Il-gnejna li qieghda fi Triq San Frangisk, Hal Safi, bla numru tal-kejl ta' cirka 750 metru kwadru bil-valur fis-sena 2012 ta' €43,996.40;

<u>Proprjeta' mmobbli parafernali tal-mejjet Evaristo Zammit li m'humiex mizmuma in komun:</u>

14. Porzjoni diviza formanti parti mill-ghalqa 'Ta' Ras it-Triq', sive 'Tal-Hnejja', fil-kontrada tal-Baqqari limiti Zurrieq u cioe' maghrufa 'Ta' Gewwa', tal-kejl ta' cirka 1,498m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €26,049;

15. Porzjoni diviza formanti parti mill-ghalqa 'Tal-Leqex' f'Hal Safi tal-kejl ta' cirka 1,068m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €19,537;

16. Nofs (1/2) indiviz ta' porzjon diviza formanti parti mill-ghalqa msejha 'Tal-Leqex' f'Hal Safi li fiha kejl ta' 1,068m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €21,905;

<u>Proprjeta' mmobbli li gew trasferiti minn Evaristo Zammit b'titolu ta' donazzjoni:</u>

Illi dwar liema valur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghal dawn it-tlett (3) porzjonijiet art li gew iddonati mill-mejjet Evaristo Zammit lill-intimati Emanuel u Joan konjugi Camilleri bil-kuntratt tal-15 ta' Dicembru, 2008 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar (ara kuntratt a fol. 474 et seq tal-process). Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jindikaw li l-valur ghandu jkun dak li nghata mill-Perit Tekniku Mario Cassar u cioe' dak ta' €112,000. A kuntrarju l-intimati konjugi Camilleri jindikaw li l-valur li ghandu jittiehed kont ghall-finijiet ta' porzjon riservat huwa dak fid-data tad-donazzjoni u cioe' dak ta' €27,900.

Dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Gunju, 2024 fl-ismijiet **Emanuel Psaila et -vs- Roderick Psaila** fejn gie ritenut illi fil-kaz ta' donazzjoni fl-ezercizzju tal-komputazzjoni tal-massa ereditarja li fuqha jigi kkalkolat is-sehem riservat il-valur li ghandu jittiehed kont tieghu huwa dak fil-gurnata tal-mewt tad-decujus, kif isegwi:

> '36. Il-konvenuti ħassewhom ukoll aggravati mis-sentenza tal-10 ta' April 2018 in kwantu l-Ewwel Qorti applikat il-valutazzjoni tad-donazzjoni fiż-żmien tal-mewt tad-*decuius* u mhux fiż-żmien li saret id-donazzjoni. Hawnhekk ukoll jerġgħu isostnu li dan huwa kontra l-Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili.

37. L-Artikolu 648 huwa wieħed mill-artikoli li jaqgħu taħt it-titolu *"Fuq ir-Riduzzjoni tad-Dispożizzjonijiet ta' Testment li jaqbżu s-sehem li t- testatur seta' jiddisponi minnu"*. Għal intendiment aħjar tiegħu din il-Qorti ser tiċċitah flimkien mal-artikolu ta' qablu:

> *"**647**. Id-dispożizzjonijiet ta' testment, meta jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, għandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiż- żmien tal-ftuh tas-suċċessjoni, iżda dan kemm-il darba t-talba tiġi magħmula fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 845.*
>
> ***648.** Biex jiġi stabbilit kemm għandu jkun dan it-tnaqqis, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:*
>
> *(a) għandha ssir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal- mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;*
>
> ***(b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni għandhom imbagħad jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;***
>
> *(ċ) is-sehem li t-testatur seta' jagħmel minnu jinqies fuq l-assi hekk miġbur, billi jittieħed qies tal-jeddijiet ta' min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj skont l-artikoli 615 sas-639."*

38. L-atturi (kemm fir-risposti tagħhom għar-rikorsi tas-6 ta' Diċembru 2013 u tas-27 ta' Frar 2014 u kif ukoll fir-risposta tagħhom għall-appell inċidentali tal-konvenuti) jargumentaw li dan l-**Artikolu 648(b)** japplika biss fil-każ ta' talba għar-riduzzjoni ta' dispożizzjonijiet testamentarji, u mhux ukoll fl-eżerċizzju tal-komputazzjoni tal-massa ereditarja li fuqha jiġi kkalkolat is-sehem riżervat. Ifakkru li huwa l-Artikolu 620 li jiddetermina l- mod ta' kif għandha ssir il-komputazzjoni tal-assi għall-finijiet tas-sehem riżervat. Dan l-artikolu li jaqa' taħt it-titolu *"Fuq is-Sehem Riżervat u d- Diżereditazzjoni"* jaqra

hekk:

> *620. (1) It-testatur ma jistax jgħabbi s-sehem riżervat b'xi piż jew kondizzjoni.*
>
> *(2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d- djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.*
>
> *(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.*
>
> *(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id- dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.*
>
> *(5) Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat."*

39. Din il-Qorti taqbel mal-atturi li billi s-sehem riżervat huwa meqjus fuq il-beni tal-mejjet fil-ġurnata tal-mewt tiegħu, u billi dawn il-beni jinkludu wkoll dak li jkun ta b'donazzjoni f'ħajtu, <u>allura kwalunkwe beni hekk regalati għandhom jiġu stmati wkoll bil-valur tagħhom fid-data tal-mewt tiegħu.</u>

…

43. Fid-dawl tas-suespost l-ilment tal-konvenuti f'dan ir-rigward huwa infondat.'.

In vista ta' din id-decizjoni moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell u li din il-Qorti tiddikjara li taqbel maghha, il-Qorti ser tghaddi sabiex tiehu l-valur tal-immobbli moghtija b'donazzjoni fid-data tal-apertura tas-successjoni u cioe' fid-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit:

17. Porzjoni diviza ta' art formanti parti mill-ghalqa maghrufa bhala 'Ta' Xghira' jew 'Ta' Klidu' kontrada tal-Hlantun fil-limiti ta' Hal Safi li ghandha kejl ta' cirka 1,105m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €20,721;

18. In-nofs (1/2) indiviz ta' porzjon diviza ohra mill-istess ghalqa maghrufa bhala 'Tax-Xghira' jew 'Tal-Klidu', kontrada tal-Hlantun, fil-limiti ta' Hal Safi li ghandha kejl ta' cirka 1,105m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €22,497;

19. Porzjoni diviza ohra mill-istess ghalqa maghrufa bhala 'Tax-Xghira' jew 'Tal-Klidu', kontrada tal-Hlantun, fil-limiti ta' Hal Safi inkluz il-kamra ta' go fiha, li ghandha kejl ta' cirka 1,124m.k. bil-valur fis-sena 2012 ta' €23,089.

<u>**Flus fil-banek:**</u>

Illi mill-atti jirrizulta li l-mejjet Evaristo Zammit kellu s-segwenti flus fil-banek:

<u>Kontijiet fil-Bank of Valletta plc:</u>

1. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 17902574070 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' £144.38 illum ekwivalenti ghas-somma ta' cirka €171.57 (ara statement a fol. 180 tal-process);

2. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40019566867 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' £7,700 illum ekwivalenti ghas-somma ta' cirka €9,146.13 (ara statement a fol. 291 tal-process);

3. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40019899819 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' €1,512.37 (ara statement a fol. 299 tal-process);

Kontijiet fl-HSBC Bank Malta plc:

4. Kont mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 078-023330-104 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' €4,658.75 (ara statement a fol. 343 tal-process);

5. Kont mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 078-023330-050 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' €197.10 (ara statement a fol. 355 tal-process);

6. Kont mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 078-023330-100 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' €11,646.87 (ara statement a fol. 364 tal-process);

7. Kont mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 078-023330-102 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' €16,305.61 (ara statement a fol. 377 tal-process);

8. Kont mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 078-023330-103 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' €9,317.49 (ara statement a fol. 383 tal-process);

9. Kont mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 078-023330-451 li mad-data tal-mewt tad-decujus Evaristo Zammit kellu l-ammont ta' £2,018.83 illum ekwivalenti ghas-somma ta' cirka €2,400.85 (ara statement a fol. 431 tal-process).

Illi apparti dawn il-kontijiet ir-rikorrentiPaul Zammit fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jaghmel ukoll referenza ghall-kontijiet HSBC13 u HSBC16 (a fol. 445 u fol. 450 tal-process). Il-Qorti tinnota li fiz-zewg kazi l-*istatements* bankarji huma ta' ferm qabel il-mewt ta' Evaristo Zammit u ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tiehu kont taghhom.

**<u>Flus moghtija mill-mejjet Evaristo Zammit lil iben l-intimati Camilleri u lil iben ir-rikorrenti Zammit u li bihom inxtraw zewg garaxxijiet f'isem l-imsemmija wlied:</u>**

Illi fil-mori tal-kawza tqajjmet mir-rikorrenti Paul Zammit il-kwistjoni li l-mejjet Evaristo Zammit kien ghadda somma flus b'donazzjoni lil iben l-intimati certu Duncan Camilleri u lil iben ir-rikorrenti certu Glenn Zammit sabiex bihom inxtraw zewg garaxxijiet f'isimhom u dan sabiex jibqghu tifkira tieghu billi huwa kien il-parrinu taghhom fil-grizma. Dan gie kkonfermat minn Duncan Camilleri fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2021 a fol. 991e et seq tal-process:

> 'Xhud: Mela, in-nannu kien xtrali garaxx, kien xtara wiehed lili u wiehed lill-kugin tieghi biex jibqghu tifkira tieghu minhabba li kien il-parrinu taghna tal-grizma.

...

> Xhud: Ghax huwa x-xewqa tieghu habba li konna, habba li kien il-parrinu taghna anke tal-grizma, anke ta' Glenn, xtaq jixtrilna dan il-garaxx, u ta' li kien xtaq isemmihom wiehed ghalih u wiehed ghan-nanna, u qatt ma saret fil-verita' imma kien xtralna garaxx kull wiehed biex jiqghu tifkira tieghu.'.

Illi kopja ta' dan il-kuntratt li gie ppubblikat fl-24 ta' Gunju, 2010 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja giet esebita a fol. 1131 et seq tal-process.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmel Grima et. vs. Saviour Grima et. datata 21 ta' Lulju, 2021, 1062/2007/1 fejn jinghad kif isegwi:

'Fit-tieni lok, hemm ċirkostanzi oħrajn maħsuba fil-liġi fejn, għall-finijiet tal-kejl tas-sehem riżervat, ħwejjeġ li fl-imgħoddi kienu jagħmlu mill-ġid tat-testatur iżda li jkun iddispona minnhom matul ħajtu – bħalma huma d-donazzjonijiet u għotjiet b'liberalita` – jintgħaddu xorta waħda. Għalhekk, kif sewwa jgħidu l-appellati fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-appellant ma għandux raġun jilmenta minn dak li jissemma fis-sentenza appellata f'dan ir-rigward għaliex biċċa sewwa mill-proċess tal-kejl tassehem riżervat tinvolvi r-"rikostruzzjoni" (u mhux biss l-aċċertament) tal-ġid tal-mejjet';

Illi ghalhekk jirrizulta li din il-Qorti hija obbligata li wkoll iddahhal dan l-ammont fil-kalkolu taghha. Fil-fatt ghalkemm effettivament ma sarx att ta' donazzjoni proprju, huwa car anke fuq ammissjoni ta' Duncan Camilleri, iben l-intimati, li l-mejjet nannuh Evaristo Zammit kien ta' l-flus biex inxtraw dawn iz-zewg garaxxijiet.

Ghalhekk il-Qorti sejra sabiex tiehu kont ta' dan l-ammont li jirrizulta mill-kuntratt imsemmi fl-ammont ta' €14,000 meta tigi sabiex tillikwida s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti. Ghandu jinghad ukoll li dan l-ammont huwa ferm minimu meta wiehed jikkalkula l-porzjon riservat meta komparat mal-bqija tal-gid tad-decujus li fuqu ser tigi kalkolata s-somma finali.

**Karozza:**

Illi tqajmet ukoll il-kwistjoni li l-mejjet Evaristo Zammit kellu karozza tat-tip Mazda li ghaddiha lin-neputi tieghu Duncan Camilleri. Il-Qorti rat li ghalkemm fl-atti tressqet prova li l-mejjet Evaristo Zammit veru kellu vettura tat-tip Mazda u li din kienet f'certu punt daret fuq isem in-neputi Duncan Camilleri (ara deposizzjoni ta' Duncan Camilleri a fol. 991f et seq tal-process), l-istess xhud xehed li din kienet giet skreppjata. Fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar x'valur seta' kellha din il-vettura ghalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tiehu kont taghha.

**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:**

| | |
|---|---|
| Immobbli, inkluz dawn moghtija b'donazzjoni - | €942,827.64 + |
| Flus mal-banek - | €55,356.74 |
| Flus relatati mal-garaxxijiet - | €14,000 |
| **Total -** | **€1,012,184.38** |

**Jirrizulta ghalhekk li sehem ir-rikorrenti Paul Zammit bhala porzjon riservat (1/6) jammonta ghas-somma ta' mija tmien u sittin elf sitt mija sebgha u disghin Ewro u erbghin centezmu (€168,697.40).**

**Imghax:**

Illi s-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-sub-artikolu 2 jaqra kif isegwi:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'.

Il-Qorti rat li l-ittra ufficjali 865/14 (fol. 25) giet intavolata nhar it-18 ta' Marzu, 2014 u notifikata lill-intimata Joan Camilleri fl-24 ta' Marzu, 2014 u lill-intimat Emanuel Camilleri fit-22 ta' Marzu, 2014. Ai termini tal-Artikolu 615 (2) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta f'dan il-kaz gjaladarba l-intimati kienu gew interpellati mir-rikorrenti fi zmien sentejn ghall-hlas tas-sehem riservat, l-

imghax ghandu jibda jiddekorri mill-ftuh tas-successjoni. Madanakollu l-Qorti tinnota li r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, ddikjara li l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru mill-24 ta' Marzu, 2014. In vista ta' tali dikjarazzjoni l-Qorti tqis li ghandha timxi ma dik id-data ndikata mir-rikorrenti Zammit innifsu u cioe' tal-24 ta' Marzu, 2014. Dwar il-persentagg tal-imghax, jirrizulta li l-kawza giet intavolata fis-27 ta' Lulju, 2016 u l-provi da parte tar-rikorrenti nghalqu fil-5 ta' April, 2022 (fol. 1133). F'dan il-perijodu kien hemm zmien meta ma setghux isiru seduti rizultat tal-pandemija tal-Covid 19 u ghalhekk iz-zmien intilef inutilment mhux tort ta' xi parti jew ohra. Mill-banda l-ohra da parti tal-intimati Camilleri l-kawza mxiet b'pass mghaggel u tajjeb u ma kienx hemm telf ta' seduti. Invista ta' dan kollu, l-Qorti tqis li l-persentagg ta' imghax ghandu jigi kkalkulat bir-rata ta' 5% mid-data ndikata precedentement cioe' dik tal-24 ta' Marzu, 2014.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati konjugi Camilleri sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz tghaddi sabiex tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti Zammit bil-mod kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tistabilixxi u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti già ezistenti bejn Evaristo u Agnese konjugi Zammit, kif ukoll il-beni parafernali ta' Evaristo Zammit billi jigi dikjarat konsistenti fil-beni u sustanzi ndikati fis-sezzjoni '**Assi ereditarji tal-mejjet Evaristo Zammit:'**;

2. Tilqa' t-tieni talba u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk formata u likwidata f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-assi partikolari ta' Evaristo Zammit u l-ohra lill-assi partikolari ta' Agnese Zammit u dan hekk kif indikat fis-sezzjoni '**Assi ereditarji tal-mejjet Evaristo Zammit:'**;

3. Tilqa' t-tielet talba u tifforma u tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmi Evaristo Zammit billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-akkwisti illi saru matul iz-zwieg tieghu ma' Agnese Zammit u f'dawk il-beni parafernali tieghu u sustanzi kollha hekk kif indikat fis-sezzjoni '**Assi ereditarji tal-mejjet Evaristo Zammit:'**;

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida favur ir-rikorrenti Paul Zammit is-sehem rizervat li jmissu skont il-ligi mill-eredità ta' missieru Evaristo Zammit u dan anke billi gew komprizi fl-istess assijiet, il-beni li d-defunt Evaristo Zammit ta b'donazzjoni matul hajtu u dak kollu li jidhol fil-formazzjoni tal-imsemmija eredità skont il-ligi u dan hekk kif indikat fis-sezzjoni '**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:**' fl-ammont kumplessiv ta' mija tmienja u sittin elf, sitt mija sebgha u disghin Ewro u erbghin centezmu (€168,697.40);

5. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-intimati Camilleri jhallsu lir-rikorrenti Zammit dak kollu li jmissu bhala s-sehem rizervat mill-eredita' ta' missieru Evaristo Zammit hekk kif indikat fil-paragrafu precedenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, nkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 865/2014 ghajr ghall-ispejjez ta' l-ewwel rapport tal-Perit Tekniku

Mario Cassar li għandu jibqa' kif dekretat fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2018 u fir-rigward tar-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Cassar li għandu jiġi sopportat mir-rikorrenti Zammit u bl-imgħax fuq is-sehem rizervat spettanti lir-rikorrenti Zammit mid-data tal-24 ta' Marzu, 2014 bir-rata ta' 5% sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar, 2025**